# Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fl-Imsida

Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu bdiet fil-knisja tal-Kunċizzjoni fl-1859 meta l-Imsida kienet viċi-parroċċa tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara. Dak iż-żmien il-knisja kienet tikkonsisti biss f'dik il-parti mħaffra fil-blat iddedikata lil Marija Immakulata. Il-popolazzjoni fl-Imsida bdiet tikber b'ritmu mgħaġġel u l-knisja, minkejja l-istorja antikissima li għandha, kienet kull ma' tmur tinħass dejjem aktar żgħira. X'aktarx dan kien li żamm lill-kolleġġjata ta' Birkirkara milli tagħti drittijiet lil din il-knisja, imma skond dokument ta' l-1851 numru ta' nies minn hawn bagħtu petizzjoni lill-Isqof Publio Maria dei Conti Sant fejn talbuh isib rimedju kif titkabbar il-knisja tagħhom. Wara li ra b'għajnejh is-sitwazzjoni, l-Isqof ta raġun lill-Misidjani u kellem lill-Prepostu ta' Birkirkara, Dun Ġużepp Debono, biex isib soluzzjoni u titkabbar il-knisja. Il-problemi kienu kbar u ħafna għax il-pożizzjoni fejn tinsab il-knisja ma jippermettix u l-ispejjeż biex tħaffer fil-blat huma kbar, u l-Imsida ma kenitx tiflaħ għalihom għax il-poplu kien fqir. Il-prepostu ssuġġerixxa li tinbena knisja ġdida band' oħra u għalhekk waqqaf kumitat kompost mill-Avukat Paolo Curmi, in-neguzjant Emmanuele Scicluna, is-Sur Giuseppe Garsin u l-viċi-parroku Dun Ġuzepp Fenech. Kien ġie propost li tinbena knisja ġdida u nbnew ħafna djar, iżda l-proġett twarrab u ġie deċiż li titkabbar il-knisja eżistenti billi tiżdied parti ġdida u akbar, tmiss ma' dik l-antika, kif narawha sa llum. Din ħadet ukoll biċċa mit-triq. Ix-xogħol ħa snin u minflok Dun Ġużepp Fenech sar Dun Kalċedon Agius li bierek il-knisja f'Novembru ta' l-1859. Il-parti l-ġdida ġiet dedikata lill-Kunċizzjoni u l-qadima lill-Madonna tal-Karmnu. B'hekk bdiet id-devozzjoni qawwija lejn il-Madonna tal-Karmnu fl-Imsida.

Il-Misidjani beda jkollhom żewġ festi kbar lil Marija Santissima, f'Lulju ssir dik tal-Karmnu u f'Diċembru ssir dik tal-Kunċizzjoni. Kienu festi kbar kemm fil-knisja kif ukoll barra. Kienu jġibu l-aqwa predikaturi u diversi baned kif ukoll kienet issir il-ġostra u logħob ieħor. Il-festa tal-Madonna tal-Karmnu bdiet issir nhar il-Ħadd fuq is-sittax ta' Lulju u għalhekk kienet tirnexxi aktar għax ikun is-sajf, filwaqt li dik tal-Kunċizzjoni hija fix-xitwa, bil-biża' dejjem tax-xita u l-maltemp. Il-Misidjani kellhom devozzjoni kbira lejn il-Madonna meqjuma taħt iż-żewġ titli li l-Knisja Kattolika żammet minn żminijiet imbiegħda.

L-ewwel festa interna tal-Madonna tal-Karmnu saret fl-1860. F'ġurnal tal-1861 inkiteb li l-festa saret bil-kbir, *con pompa*, u baqgħet issir hekk sakemm il-finanzi kienu jippermettu. Aktar tard, fl-1867 meta l-Imsida saret parroċċa, iż-żewġ festi kibru aktar għax kellhom rajhom f'idejhom.



Meta nbniet il-knisja l-ġdida dedikata lil San Ġużepp il-poplu flimkien mas-saċerdoti ddedikaw altar lill-Madonna tal-Karmnu u għalhekk il-festa bdiet issir fil-knisja l-kbira minflok fiż-żgħira, u bl-istess solennità, għax sa l-1900 il-festa ta' San Ġużepp kienet issir fl-aħħar Ħadd ta' April, festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp. Jidher li l-poplu beda jħossu kbir il-piz ta' żewġ festi, flimkien ma' oħrajn bħal dik tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja li kienet issir b'solennità kbira kemm fil-knisja kif ukoll barra. Fl-1900, b'digriet minn Ruma, il-festa ta' San Ġużepp ġiet ittrasferita għas-sajf, fl-istess Ħadd li kienet issir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Għalhekk dik il-festa majnat sakemm spiċċat għal kollox.

Fl-1891, meta tbierket u bdiet tintuża regolarment il-knisja l-kbira, il-prokuratur tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu talab lill-Konfraternità tal-Madonna tar-Rużarju tal-Kolleġġjata ta' l-Isla jagħtuhom bi ftit flus l-istatwa l-antika li kellhom billi huma kienu għamlu statwa ġdida. It-talba saret permezz ta' rikors fil-Kurja ta' l-Isqof, kif inhi l-prattika f'każijiet bħal dawn. Il-Konfraternità mlaqqgħa f'konsulta ġenerali fid-29 ta' Novembru, 1891 iddeċidiet li tagħti din l-istatwa lill-Imsida b'somma żgħira, nominali. It-tweġiba tal-Konfraternità ta' l-Isla kellha l-firem tas-saċerdot Dun Stefano Camilleri u tal-Kjerku (imbagħad Arċipriet) Ġiuseppe Adami. Il-Fratellanza tar-Rużarju bdiet fl-Isla, fil-knisja ta' Porto Salvo (San Filippu) fit-13 ta' Jannar 1598, u ġiet trasferita għall-knisja parrokkjali sebgħin sena wara. Din waqfet għal xi snin, u skond dak li kiteb Ferres din l-istatwa ġiet rinnovata fl-1808. L-istoriku Patri Alessandru Bonniċi skopra li din l-istatwa nħadmet minn Pietro Feliċi li miet fl-1743. Il-fratellanza akkwistat l-istatwa fl-1747.

F'dawk is-snin saru bosta talbiet lil diversi knejjes għal oġġetti bħal dawn billi l-knisja l-ġdida kienet nieqsa minn kollox, u rnexxielha tikseb diversi oġġetti, bħalma hu l-arloġġ antik li kellu l-Katidral ta' l-Imdina, xi gandlieri ta' l-injam minn San Duminku tal-Belt u oħrajn. L-istatwa ta' l-Isla hija ta' l-injam u jidher li fl-Imsida kienet tintuża għall-festa tal-Karmnu għax il-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju, tliet snin wara, ġabet statwa sabiħa minn barra, li nassumu nħadmet f'Lecce minn Luigi Guacci, dak li ħadem l-istatwa ta' San Ġużepp fl-1893.

Meta l-festa tal-Karmnu ma baqgħetx tiġi ċċelebrata l-istatwa twarrbet mill-knisja l-kbira u tqiegħdet f'kamra mwarrba fuq il-knisja tal-Kunċizzjoni. Magħha kien hemm pedistall kbir u tond. It-tnejn ġarrbu ħsarat kbar biż-żmien u bl-umdità tal-post. Fis-snin tletin xi rġiel, fosthom Karmenu Buhagiar u Ġorġ Galea, mastrudaxxi ma'

Gio. Batta Delia, infurmaw lill-Kappillan Dun Innoċenz Zammit b'dan il-pedistall u offrew ruħhom biex jirrinovawh, u sar il-pedistall li għandha llum l-istatwa ta' San Ġużepp.

Snin ilu l-Kummissjoni Amministrattiva tal-parroċċa ħasbet biex tirrestawra l-istatwa u ħaditha għand is-Sur John Pace ta' M'Xlokk li għamlilha t-tiswijiet meħtieġa. Il-Kappillan preżenti l-Kan. Dun Louis Suban ħadha għand ir-restawratur Anthony Spagnol taż-Żejtun biex inżebgħat u inġiebet fi stat mill-isbaħ. Fl-istess żmien l-istess Kappillan irnexxielu jakkwista wkoll niċċa mingħand il-Patrijiet Karmelitani tal-Belt li sa ftit żmien ilu kellhom fiha l-istatwa titulari tagħhom. Din ukoll ġiet rinnovata minn Herbert Mifsud u l-iskultura tagħha minn John Suda. Is-sagristan Victor Tedesco kellu sehem fiż-żebgħa tagħha u l-miktubin tat-Terz' Ordni Karmelitan tal-parroċċa ġabru bejniethom xi flus biex jingħataw lill-knisja tal-Karmnu tal-Belt. Biex titgawda minn kulħadd, l-istatwa flimkien man-niċċa, tqiegħdu fis-sagristija, li wkoll ġiet rinnovata sena ilu.

Pietru Felici mhux magħruf kemm jistħoqqlu għax ftit nafu dwaru. Huwa twieled f'Ħal Qormi fit-22 ta' Diċembru 1669 minn Agostino u Grazia Mallia. Mhux magħruf fejn u taħt min studja u ħadem, imma nstab li għex fl-Isla mal-familja tiegħu u meta żżewweġ mar joqgħod band' oħra. Tajjeb insemmu li f'dak iż-żmien, fl-Isla kien hemm żewġ Saċerdoti, Dun Leonardu u Dun Wistin Felici, li seta' kellhom kuntatt ma' l-istatwarju. L-istatwi rikonoxxuti b'ċertezza li Felici ħadem huma San Nikola għas-Siġġiewi fl-1736 u dik ta' San Ġorġ għal Ħal Qormi sentejn wara.

Fl-1741 ħadem statwa tal-Madonna tar-Rużarju għall-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ li tixbaħ lil din li ktibna fuqha. Felice ġie wara l-Gafà (1635-1667) u fiż-żmien meta l-Maltin kienu jordnaw statwi ta' l-injam mingħand skulturi ġo Ruma.

Għadu kemm ġie restawrat kwadru tal-Madonna tal-Karmnu (75cm x 50cm) li nassumu li kien fil-knisja tal-Kunċizzjoni. L-awtur, x'aktarx tas-seklu 19, mhux magħruf, imma x-xogħol huwa tajjeb. Il-Kumitat tal-Patrimonju Malti ħa ħsieb iqabbad u jħallas lil Ms Erica Falzon għal dan ir-restawr u ntwera fil-Wirja ta' l-artali u kappelli privati li l-għaqda tellgħat fil-palazz Presidenzjali fil-Belt f'April 2000. Dan il-kwadru ser jitqiegħed fis-sagristija.

Il-knejjes f'Malta, b'dak kollu li fihom, waslu kollha fi stat ta' restawr u għalhekk minflok ma jsiru opri ġodda huwa meħtieġ li l-poplu u l-kleru jużaw il-flus żejda tagħhom għal dan il-għan, biex il-patrimonju Malti jkompli jinkixef u jerġa' jidher fis-sbuħija oriġinali tiegħu. Saret ħsara biżżejjed fl-aħħar ħamsin sena fis-seklu li spiċċa u ntilfu bosta oġġetti ta' preġju mill-knejjes tagħna, ħafna minnhom xogħol ta' artiġjanat u arti Maltija. Tiehu wkoll gost tisma' li ċerti industrijalisti bdew jifhmu din il-ħtieġa u għalhekk bdew jikkontribwixxu għal dan il-għan. L-istudju fuq il-patrimonju Malti kiber ġmielu imma l-interess tiegħu fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa għad baqgħalha x'timxi 'il quddiem. Dan ngħiduh ukoll għall-Imsida u għall-Misidjani!

*Dun Joe Calleja*